V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8408 — Cinven/CPPIB/Travel Holdings Parent Corporation)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 124/05)

1. Fl-10 ta' April 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li biha l-impriżi ta' Fifth Cinven Fund, ġestiti minn Cinven Capital Management (V) General Partner Limited ("Cinven", ir-Renju Unit) u Kanada Pension Plan Investment Board ("CPPIB", il-Kanada) skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet jakkwistaw kontroll konġunt fuq Travel Holdings Parent Corporation u s-sussidjarji tagħha ("Target" jew "Tourico"). "Target" sussegwentement se jiġi magħqud ma' Hotelbeds Travel Company, Inc., sussidjarju possedut kollu minn Hotelbeds US Holdco, Inc., li huwa kkontrollat b'mod konġunt minn Cinven u CPPIB.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Cinven: impriża ta' ekwità privata impenjata fil-provvediment ta' ġestjoni tal-investiment u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment għal għadd ta' fondi tal-investiment.

— għal CPPIB: organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-investiment maħluqa minn Att tal-Parlament biex tinvesti l-fondi tal-Pjan tal-Pensjoni tal-Kanada.

— għal Target: kumpanija tas-senserija relatata mal-ivvjaġġar, bil-kwartieri ġenerali f'Orlando, Florida.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), jew bil-posta elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8408 — Cinven/CPPIB/Travel Holdings Parent Corporation, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").